MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 153/2006/1

**Andrew u Antoinette konjugi Tabone**

**vs**

**Emanuel u Mary konjugi Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Mejju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fil-31 ta’ Mejju 2006 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-istess rikorrenti minhabba illi x-

xogholijiet ezegwiti mill-intimat fil-fond No 1 u 2, Nadant, Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun ma sarux skond is-sengha u l-arti, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 25 ta' Lulju 2005, u bl-imghax legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez kontra l-atturi;

2. Illi x-xogholijiet kollha ezegwiti mill-eccipjent Emanuel Buhagiar saru kollha skond is-sengha u l-arti;

3. Illi peress illi l-atturi huma debituri tal-eccipjenti ghall-bilanc tal-prezz tax-xogholijiet in kwistjoni, l-eccipjenti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mid-dritt lilhom moghti tal-kontro-talba sabiex jitolbu li din il-Qorti tikkundanna lill-istess atturi jhallsuhom il-bilanc lilhom dovut.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti fejn talbu illi:

Li biha qieghed jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju tal-Kontro-talba lilu moghti mill-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi l-konvenut Emanuel Buhagiar, fuq ordni u nkarigu tal-attur Andrew Tabone, esegwixxa xogholijiet u pprovda l-materjali kollha ghall-installazzjoni tas-sistema tad-dawl u tal-ilma fil-fondi numri 1 u 2 Nadant, Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun;

Peress illi ghat-termini tal-iskrittura privata tal-21 ta' Settembru 2002 bejn il-kontendenti dawn ix-xogholijiet, materjali u servizzi jammontaw ghal

Lm7,073.32 (Dok EB 1 u Dok EB 2 hawn annessi).

Peress illi l-esponent thallas biss is-somma ta' Lm5,087.63 u ghalhekk fadallu jithallas bilanc ta' Lm1985.69;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom, il-ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tikkundannahom 'in solidum' bejniethom, biex ihallsu lill-konvenuti rikonvenzjonanti konjugi Buhagiar il-bilanc lilhom dovut fis-somma ta' Lm1985.69, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez tal-konsult, tal-ittra bonarja tas-6 ta' Gunju 2005 u tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2005.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi rikonvenuti ghal kontro-talba tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament, it-talba tal-konvenuti rikonvenjenti hija preskrittra ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u fil-mertu, it-talba tal-konvenuti rikonvenjenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-eccipjenti ma fadlilhom ihallsu ebda bilanc lill-konvenuti rikonvenjenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u b'referenza ghad-dokumenti esebiti mill-konvenuti mal-kontro-talba taghhom (Dok. EB1 u Dok EB 2), l-eccipjenti jirrilevaw illi kienu huma stess illi ssupplixxew il-maggioranza tal-materjal uzat mill-konvenut fit-twettiq tax-xoghol tieghu, u ghalhekk m'ghandhom jivversaw ebda hlas ghall-materjal indikat f'dawn id-dokumenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u kif gia gie rilevat mill-eccipjenti fit-talba taghhom, ix-xoghol imwettaq mill-konvenut rikonvenjenti ma sarx skond is-sengha u l-arti, tanti illi l-eccipjenti sofrew u garrbu danni, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi ghalhekk m'ghandhom jivversaw ebda hlas lill-konvenuti rikonvenjenti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghall-kontro talba tal-konvenuti fejn l-atturi qeghdin ipoggu ostakolu ghall-azzjoni attrici bil-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet *".... ta' persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu."*

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi ghal habta ta' Settembru 2002 il-partijiet kienu ftiehmu illi l-konvenut jaghmel xoghol ta' elettriku u *plumbing* f'zewg appartamenti li kellhom l-atturi. Ix-xoghol beda izda jidher li l-atturi ma kienux kuntenti bit-tip ta' xoghol li kien qed jesegwixxi l-konvenut Emanuel Buhagiar u f'Awissu 2004 Anthony Demanuele wiehed mis-sidien ta' l-appartamenti waqqaf lill-konvenut milli jkompli bix-xogholijiet. Din id-data hija moghtija mill-istess konvenut meta xehed a fol 82 u jghid *"Sur Demanuele li joqghod fil-flat number 1 waqqafni u fil-flat 2 hallejt warajja hafna materjal..."* Il-konvenut ikompli jispjega illi r-relazzjoni bejn il-partijiet minn dak inhar marret

hazin hafna, tant illi jsemmi illi Anthony Demanuele kien arroganti mieghu, u qallu biex ma jersaqx iktar fuq il-lant tax-xoghol, kif fil-fatt gara.

Fil-kontro-talba pprezentata fl-20 t'Ottubru 2006 il-konvenuti qeghdin jitolbu l-hlas tal-bilanc ta' Lm1985.69 bhala prezz ta' xogholijiet, materjal u servizzi skond skrittura privata tal-21 ta' Settembru 2002 (Dok AT fol 28). L-avukat tal-konvenuti ssottometta illi stante din l-iskrittura, r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kienetx wahda guridika biss, izda kuntrattwali u quindi l-artikolu preskrittiv huwa dak li jestendi l-preskrizzjoni ghal hames snin u mhux ta' tmintax-il xahar.  F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma taqbilx illi dan huwa l-kaz.

Ikkunsidrat:

Il-ftehim fuq imsemmi tal-21 ta' Settembru 2002 minkejja li elenka diversi xogholijiet u servizzi li ghandhom isiru fil-fond, mhuwiex iffirmat u ghalhekk ma joffri l-ebda stat legali bejn il-partijiet hlief ta' indikazzjoni tax-xogholijiet li kellhom isiru. Ghalhekk ir-relazzjoni bejn il-partijiet tibqa' wahda guridika u kif tajjeb eccepew l-atturi l-artikolu preskrittiv huwa dak 2148(a) tal-Kap 16 li jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar.

Qamet kwistjoni bejn il-partijiet meta t-terminu jibda. Skond l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili l-preskrizzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata' u dan minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew il-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Quindi jrid isir test oggettiv li jiddependi mill-fatti li minnhom jorigina d-dritt ta' azzjoni. Il-kawza Raphael Micallef vs Anthony Agius  deciza mill-Qorti tal-Appell  fis-6 t'Ottubru 2000 ghamlet referenza ghal dan l-artikolu u qalet illi t-test irid ikun *"dak oggettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom jorigina d-dritt ta' l-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna ta' l-attur, u cioe' jekk din kienetx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun*

*xi tkun ir-raguni."* Dan ifisser illi d-dritt tal-konvenut li jagixxi kontra l-atturi skatta minn dakinhar illi gie mwaqqaf milli jkompli bix-xoghol u jekk kellu xi drittijiet dwar xoghol gia mwettaq kien minn dakinhar li setgha jagixxi. Lanqas ma l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-avukat tal-konvenuti meta qal illi ma tistax tigi nvokata l-preskrizzjoni peress illi l-atturi ghandhom ikunu kunsidrati bhala depozitarji tal-materjal li l-konvenut halla fil-fondi taghhom. Il-Qorti ma tahsibx illi c-cirkostanzi kif thalla l-materjal jista' jitqies bhala depozitu. Fin-natura tieghu stess id-depozitu jrid ikun volontarju milll-konsennatarju u ta' min jaccettah. F'dan il-kaz ma hemm xejn volontarju ghaliex il-konvenut tkecca minn fuq il-lant tax-xoghol u minn imkien ma rrizulta li halla xi materjal volontarjament fil-fondi u ghalhekk se mai d-dritt tal-konvenuti illi jagixxu wkoll ghall-materjal li hallew fil-fondi skatta minn dakinhar illi tkecca.

Ikkunsidrat:

Kif gia nghad skond ix-xhieda ta' l-istess konvenut twaqqaf mix-xoghol f'Awissu 2004. L-ewwel att gudizzjarju li nterrompa l-preskrizzjoni huwa proprju l-kontro-talba tal-konvenuti li giet ipprezentata fl-20 t'Ottubru 2006. Bejn dawn iz-zewg termini z-zmien preskrittiv lahaq ghadda favur l-atturi u ma rrizultax li sar xi att iehor fil-frattemp illi seta' nterrompa dan il-perjodu. Fil-kontro talba taghhom il-konvenuti semmew ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2005. Din l-ittra ma gietx esibita u lanqas ma hemm prova mill-atti illi fil-fatt tezisti u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu inkonsiderazzjoni din id-data, fejn allura tibqa' effettiva d-data ta' l-20 t'Ottubru 2006 meta giet ipprezentata l-kontro-talba, f'liema kaz allura t-talba tal-konvenuti tinsab preskritta.

Ghal dawn il-motivi,

> Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-atturi u tiddikjara l-kontro-talba tal-konvenuti bhala preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Spejjez ta' dan il-gudikat ghall-konvenuti."

Il-konvenuti hassewhom aggravati b'din is-sentenza u b'rikors intavolat fil-15 ta' Gunju, 2009 introducew appell biex jikkontestaw ir-ragonament ta' l-ewwel Qorti li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva a norma ta' l-Artikolu 2148 (a) fil-konfront tal-kontro-talba taghhom;

Din il-Qorti tirraviza mill-ewwel illi dan l-appell hu destinat li jarena ruhu fuq l-iskoll tan-non-osservanza tar-rit procedurali ghall-proponiment tieghu;

Fl-ordinament guridiku processwali taghna, salv fejn il-ligi tippermetti xort'ohra, l-appell minn sentenza fuq diversi kwestjonijiet hu differit ghal wara decizjoni finali, u, dejjem, fiz-zmien ta' ghoxrin jum mid-data taghha. Ara l-ewwel parti tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 231, kombinat ma' l-Artikolu 226(1), tal-Kodici tal-Procedura. Ghall-appell minn sentenza mhux definittiva l-ligi tirrikjedi formula sagramentali ravvizabbli minn manifestazzjoni espressa tal-volonta` tal-parti sokkombenti fformulata skond il-previzjoni tal-proviso ta' l-imsemmi Artikolu 231 (1), ossija, "<u>jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza</u>";

Gjaladarba sentenza ta' din in-natura hi soggetta ghal dak ir-regolament specjali jsegwi illi l-appell minnha ma jistax isir b'semplici rikors *per saltum* skond kif tiddeciedi l-parti telliefa izda <u>biss</u> wara l-otteniment mill-Qorti li tat dik is-sentenza tad-debita awtorizzazzjoni u, kif gja espress, fuq talba *ad hoc*. Appell propost meta din ir-ritwali ma tigix osservata hu inammissibbli u ma jistax jigi konsiderat in kwantu proceduralment difettuz;

Premess dan, l-atti juru illi bis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju, 2009 l-ewwel Qorti limitatament iddecediet l-ewwel eccezzjoni ta' l-atturi tad-dekorriment taz-zmien ghall-proponiment tat-talba rikonvenzjonali. Jinghad difatti fil-verbal tal-Qorti ta' l-istess jum illi "l-kawza giet deciza in parte" u ddifferita ghall-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2009 ghal aktar informazzjoni. Minn din id-decizjoni l-konvenuti ma ressqu ebda talba biex jitolbu l-permess tal-Qorti biex jappellaw minnha. Dan la verbalment u lanqas b'rikors appozitu fi-zmien statutorju prefiss ta' sitt ijiem. Huma semplicement illimitaw ruhhom biex l-ghada li intavolaw l-appell id-difensur legali taghhom jinforma lill-Qorti illi kien sar appell. Ara verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2009 a fol. 129;

Issa apparti l-konsiderazzjoni illi n-natura definittiva jew parzjali ta' sentenza tipprexxindi minn kull kwalifika li joghgbu jaghtiha l-gudikant li emettiha, huwa evidenti mill-istess kontenut taghha u dak tal-pronunzjament adottat in relazzjoni ghall-eccezzjoni dibattuta tat-terminu preskrittiv fir-rigward tal-kontro-talba, illi dik is-sentenza ma kienetx wahda definittiva u finali. Dan ghal motiv illi dik is-sentenza ma ezawrietx ghal kollox l-oggett tal-kontroversja izda semplicement iddecediet aspett singolari u rrinvijat l-kawza ghall-informazzjoni u, presumibilment, stharrig ulterjuri. Ukoll jekk il-kontro-talba ghandha karattru awtonomu rivolta biex tkun ottenuta decizjoni favorevoli u pozittiva fil-konfront ta' l-attur, ghar-rigward tal-procedura, skond ma jinghad fl-Artikolu 397 tal-Kapitolu 12, l-effett taghha huwa dak li dwar it-talba originali u l-kontro-talba jsir process wiehed u li z-zewg talbiet jigu decizi fl-istess kawza. Li jfisser, illi anke fil-kaz tad-determinazzjoni ta' din il-kontro-talba, is-sentenza moghtija dwarha fl-istess kawza, u li ma tkunx iddefinit ukoll t-talba originali, ma tistax ma titqiesx hlief sentenza separata li ezawriet kwestjoni wahda u mhux il-process kollu. Ukoll f'kaz bhal dan isib applikabilita` ghall-fini ta' l-appell minnha d-dispost ta' l-Artikolu 231 tal-Kodici ritwali;

Fuq dan il-punt bizzejjed li jigi replikat illi "l-procedura hija ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b'ohra, u lanqas bil-kunsens tal-kontroparti". Ara "**Michele Parnis -vs- Carmelo Caruana *nomine***", Appell Civili, 23 ta' Gunju, 1952. Meta dan jigri, Qorti ta' revizjoni jkollha kull dritt, u, anzi, hi obbligata, tissolleva *ex officio* l-irritwalita` ta' l-appell.

Ghal motivi kollha msemmija, il-Qorti tiddikjara l-proceduri ta' l-appell irriti u nulli u ma tiehux konjizzjoni ulterjuri taghhom, bl-ispejjez jitbatew mill-konvenuti appellanti. L-atti qeghdin jigu rimandati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------